# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal kalb.*
Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija numru 89.)
Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. | IT-TLIETA, it-28 TA JANNAR, 1913. | Nru. 51.

*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*
† P. Arciskof u Iskof.

## Il Condotta.

M'haŭnx bniedem geŭŭa Malta u Ghaŭdex li ma jaf x'jigifieri *bniedem ta condotta ħażina:* u sgur katt ma noħolmu li, ghax ŭieħed jeħel xi ħames xelini jeŭ ftit iżjed jeŭ inkas fuk xi *contravvenzjoni*—nghidu aħna fuk li chellu id-dghajjsa bla daŭl, fuk li lebbet żiemel, fuk li bieħ il ħaxix ma dŭar is-suk u fuk mit elf ħaġa bħal daŭn—ma nżommuħx b'*ragel ta condotta tajjba.* Alla ħares! Chiecu ma ċhienx jibka galantom cull mit ruħ: u, contra id-dinja, biex ma nghidux contra in-natura, f'lôc *briccun* cull *mit ragel* bil chemm chien icun haŭn *ragel* cull *mit briccun !*

Imma il Pulizija, jecc titlobha il *Condotta* tieghec, biex tersak biha kuddiem xi Capijet, seŭŭa ta Malta u seŭŭa ta Barra, ghal x'impieg u ħŭejjeġ hecc, tniżżillec fiha chemm il *contravvenzjoni* ta xejn tcun uħilt fukha f'ħajjtec collha: jecc titlob il *Condotta* mita tcun kbiżt il ħamsin sena u mita chellec tnax il sena cont uħilt tmintax irbighei fuk li tfajt żrara ghal tifel ieħor, tittamax li tieħu *Condotta lixxa!*

Dan igib ħsara cbira! Ma nafux jecc il Pulizija taghmel hecc minn rajha jeŭ ghax hecc irid il Gvern! Imma nafu li Pajjiżi oħra, fejn il Gvern u il Poplu m'humiex il kuddiem inkas minn'na, m'hux hecc jaħsbuha. L'Italja—per esempju—il *contravvenzjonijet* ma tghoddhom xejn fil *Condotta*; u jidhrilna li taghmel seŭŭa, ghax il *contravvenzjonijet* u la itebbghu il gieħ tal bniedem u inkas itiesfu irrġulija.

Din id-draŭŭa tal Pulizija taghna kieghda taghmel deni cbir lill ħaddiema li icunu iridu ideffsu rashom x'imchien ghax-xoghol: u il Gvern, li mhux ħlief jippriedca fuk il bżonn tal *Emigrazzjoni*, imissu ineħħiha ghal-collox jeŭ ghall'inkas jonġorha xi ftit.

Ingibu esempju fuk Tripli, ghax l'esempji m'hemmx isbaħ minnhom biex tiftiehem seŭŭa.

Illum, biex tinżel Tripli, irid icolloc bniedem hemm li ghamel tajjeb ghalic kabel ma tlakt minn haŭn, ghax, jecc il *Passaport Ingliż* ma icunx fiħ il *Collox seŭŭa* tal *Conslu Taljan* ta haŭn, id-Dŭana ta Tripli ma tħallicx tghaddi; u il *Conslu Taljan* ta haŭn il *Collox seŭŭa* fuk il *Passaport Ingliż* ma jaghmlux, jecc kabel ma icollux l'aħbar minn Tripli li hemm min ghamel tajjeb ghalic.

Dan, seŭŭa jeŭ m'hux, ma nindaħlux fiħ: Ligi ta Bandiera oħra: u biex immorru nghixu taħtha, jaħtieġ nokoghdu ghall Ligi taħħa.

Imma, ja ħasra, ghad li, f'ħajjet Alla!, Tripli hemm min irid jaghmel tajjeb ghall Maltin (fost l'oħrajn, it-Tabib Anġlu Mizzi, ragel migjub ferm mil Gvern Taljan u impiegat mieghu bħala *Direttur ta li Sptarijet ghall mard li jittieħed*), il Conslu Taljan ta haŭn, fuk kalbu ucoll, ghax nafu tajjeb li jixtiek ighin il ħaddiem malti, ma jistax jaghmel fuk il *Passaport* dac l'imbierec *Collox seŭŭa* jecc il *Condotta ma tcunx lixxa:* u *Condotta lixxa* il Pulizija ma tati qŭasi katt lill ħaddiem taghna, la darba tghoddlu il *contravvenzjonijet* ucoll, ghax, bir-rekka tal Ligi li ghandna, ma nafux liema hu dac il ħaddiem (ghalchemm tajjeb daks il ħobż) li jista isir ragel bla ma jaka katt f'*contravvenzjoni.*

X'jisŭa, mela, li ħaddiema u nies tas-snajja galantomi jixtieku jitilku ghall Tripli u isibu hemm min jaghmel tajjeb ghalihom?... L'intopp kieghed haŭn: u m'hux f'dan biss jaghmel id-deni, iżda mkàr ghal impieg ċchejchen ma bniedem fitt li irid jara il *Condotta nadifa ghal collox*, jigifieri *Carta bajda.*

---

## Akraû!

Sur Direttur,

Is-*Salib* għandu icun irid isir salibna! Coss imma, hux? xi drabi imarrarlec kalbec, min cont tobsor fih lankas! Imma ħalli iħabbat il baħar, il bnazzi għal gazzetta hua il katla tagħha. Żomm gieħec u ibża' għal ta daŭc li ma jakblux miegħec; mill bkija kaŭŭi kalbec u la terħiha lil ħadd fejn ma għandicx. *Religjon* u *Patrja* huma il bandiera tal *Habib* u's-sehmiet tiegħec u ta daŭc li issieħbu miegħec jictbu fih.

Gieni f'idejja is-*Salib*, li ħareġ fit-18 ta dan, u għajnejja ŭakgħu fuk *articlu*, li igib taħtu l'isem ta *Aulo Metellio.* Isem sabiħ daks dac ta sieħbu *Leo Nardo*, imma ilsienu iŭaġġa' actar. Meta krajtu, emminni, ħsiebtni kiegħed noħlom, imma ma domtx ma ntbaħt li mo chienitx ħolma tiegħi, u gieni kuddiem moħħi dac li igħid il proverbju taljan: «Mill għedeŭŭa neħles jien, mill ħbieb jeħlisni Alla.» Mbagħad nġbart ġeŭŭa fijain-nifsi, bħal min sejjer jagħmel l'*esami* tal *cunxenza*, u għamilt tiflija tal *Habib* u ta collma għamel il *Cumitat* tax-Xirca ta San Ġusepp, u kist u użint collox, ħalli nara jecc naksux f'xi ħaġa. Xejn ma chien icun għageb! għax seŭŭa daŭc li jictbu fil *Habib*, u seŭŭa daŭc li imexxu lix-Xirca, huma collha bniedmin, u għalhecc chemm daŭc u chemm daŭn setgħu u għadhom jistgħu b'inchejja fihom jisbaljaŭ. Imma xejn ma sibt li nċanfarhom bih.

—Offi għalic, x'ħabta għandec! Int m'intix mill chittieba tal *Habib* u ŭieħed mill *Cumitat* tax-Xirca ta San Ġusepp?—

—Fhimtec, għamiltha ta mħallef tiegħi in-nifsi.—Mela, ħalli jagħmluha il karrejja, ngħidu x'kal fukna *A.M.* fis-*Salib*, u nagħmluha ta *avvucati* tagħna. Da'l jedd ħadd ma jista' jiċħadulna.

*A.M.* beda biex kal għalina li aħna: «Nies megħdijin b'cekcich bħalma huma teatrini, cinematografi...» Li chien jaf chemm xogħol jatuna daŭn, mux mehdijin imma mħabbtin chien igħidilna. Cechcic it-tiatrini u'ċ-cinematografi, iva, ħej! imma x'ħoss jagħmel. Jien cont actar nsejjħilhom tgħeżżiż, għax igarrfu u iŭakkgħu akŭa mit-terremoti; il ħsara, li jagħmlu daŭn, il bniedem jista' iseŭŭiha, imma ta daŭc Alla biss jista'. Li *A. M.* chien kassis, chien jista' jifhimni aħjar, u ma jeħux il biċċa biċ-ċajt, bħalma ma ħadhiex il *Cumitat*, li nibet minn kalb dac tal Għakda tal Appostolat tat-Talb. *A. M.* jagħmlu ŭisk tfal, jecc jaħseb, li hu chellu f'rasu biss li ixigħel lin-nies, meta fetaħ tiatrin u cinematografu ġeŭŭa il Palazz Caraffa. Il *Cumitat* chien jaf li il belt hija miżgħuda bihom, biex iżid oħrajn. Imma lilu ŭasallu ucoll f'ŭidnejh u kara' fuk il gazzetti id-deni, li chienu kegħdin jagħmlu, u ried jilkagħlu. U chif? Il poplu iridhom

daŭc, għax irid iderri, jinsa' ftit it-taħbit u'd-dŭejjak tal ħajja, l'actar ta llum, u għalxejn tŭiddbu u tiftaħlu għajnejh biex ma imurx fihom. X'jibka' mela, ħlief li isseŭŭi it-tiatrini u'c-cinematografi? Imma minn naħa l'oħra daŭc li għandhom tiatrini u cinematografi rashom jebsa: ma iridux jisimgħu bil lŭiem tar-Ragħaj u ta ħafna nies seŭŭa, li, kalbhom maksuma, semmgħu leħenhom minn fuk il gazzetti. Mela x'jagħmel il *Cumitat*? Lil poplu ma inaffrux, jatih dac li irid, imma mingħajr ħsara ta ruħu u ta butu. Mela mux biex jidħa hu jeŭ jidħa lin-nies, il *Cumitat* fetaħ tiatrin u cinematografu fil Palazz Caraffa. Mux għalihom, le, imma ħalli ibigħed in-nies minn tiatrini u cinematografi oħrajn fejn isir taħsir ŭaħxi.

It-tiatrini u'c-cinematografi jistgħu ucoll icunu scola, li tagħni il moħħ b'tagħlim sabiħ u utli, u tagħmel il kalb aħjar. U għalhecc xi tiatrini igibu isem ta kaddis, bħalma hu dac ta San Carlu ta Napli, u laħku saru geŭŭa il Cnejjes. Imma nħalluh fil genb dan, biex ma ntaŭŭalx iżżejjed, u nsaksi lil *A. M.* jecc hu jafx, għax ma semma' xejn, bil *Conferenzi*, bli schejjel għal imsieħbin u għat-tfal tagħhom, bil-lezzjonijet tar-Religjon u bid-Duttrina, li, minn barra mit-tiatrin u'c-cinematografu, il Cumitat ried li isiru fil Palazz Caraffa, chif kegħdin isiru? Jecc jafx bil Caxxa tat-Tifdil? Għax jecc hu jaf b'dan collu, bħalma jaf bil ġurnal tagħna, li żamm dejjem kuddiem l'i em malti u kabeż għalih, bħalma meta is-sur Pedrazzi, ħalli nsemmu ŭaħda, tafa' ħama chemm felaħ fuku (jakra' in-numru 25), chif sata', biex ma nigħdx ħaġ'oħra, jissocta igħid fukna: «mentri l'isem, il gid ta pajjishom l'ankas hsieb?»

Mela *A. M.* nsiehom *id-Discorsi*, li saru l'Unjoni għal *Otto Settembre* miż-żeŭġt aħŭa Mons. Paŭlu Gaŭci, Segretarju tal Iskof, u Dun Għann Gaŭci D.D., Ciremonjer tal Iskof, il ŭieħed bil malti, għal imsieħbin, u l'ieħor bit-taljan għal mistiednin mill *Cumitat*? Deher haŭn bic-ċar jecc l'*isem ta pajjishom* hux l'*ankas ħsieb* għan-nies tal *Cumitat* tax-Xirca ta San Ġusepp.

(*Jissocta*) DUN PAŬL

## Il Cumpanija tal Misericordja

Ilu tmien tijem seŭŭa, fil 21 ta Jannar, il Ħakk kered minn ŭiċċ id-dinja il Ġanni Borġ, imlakkam *il Paddy*, ħati mil ktil ta Carmni Borġ Rodin, li sar Birchircara, f'Ġunju li għadda.

Ġranet kabel ma giè imneħħi, cullħadd rà, fil bliet u fir-rħula, għaddejjin mit-torok bil caxxetta f'idhom jiġbru il flus l'*Aħŭa tal Ħniena*, liebsin collha l'abjad, ŭiċċhom mgħotti, b'cappell abjad f'rashom, imħażżma bil curdun u bil curuna tar-Rużarju imdendla f'genbhom.

Għal daŭc li ma jafux seŭŭa x'inhi dix-Xirca tal *Aħŭa tal Ħniena* (Fratelli tal Misericordja) ngħidu illum chelmtejn b'tagħlim għal karrejja collha tal *Habib*.

L'Arciconfraternita tar-Rużarju tal Belt bdiet fis-sena 1575. Fil 15 ta Ottubru tal istess sena, il Patrijet Dumnicani tal belt Valletta accettaŭha maħħom u taŭha fl'attijet tan-Nutar Salvu Briffa il post biex tibni żeŭġ Cappelli, li il Cumpanija ŭakkfet bi flusha, chif jidher minn document li chien presentat fil Curja tal Iskof u li illum jinsab fl'Archivju ta Cumpanija.

Mill'eŭŭel ħadet il ħsieb li tiekaf u tgħin sad-dfin taħħom daŭc li jiġu cundannati għall piena tal meŭt, u dan jidher mil bolla tal Gran Mastru La Cassiere tat-2 ta Marzu 1578, u għalhecc il Cumpanija tar-Rużarju bdiet tissejjaħ ucoll bl'isem sabiħ ta *Cumpanija tal Ħniena* (tal Misericordja), chif intkal fil ftehim li sar bejn il Fratelli u il Patrijet ta San Dumincu fl'attijet tan-Nutar Giuseppi Mamo tal 25 ta Ġunju 1584.

Il Cumpanija chienet mgħakkda mill'actar nies cbar ta pajjiżna, fosthom saħansitra Grammastri u ħafna mill'Ordni Gerosolimitan. Imma għadda żmien u il Cumpanija inkasmet f'żeŭġ frieghi, f'dic tar-Rużarju li bakgħet f'*San Dumincu*, u fl'oħra tal Misericordja mgħakkda mal Cavalieri tal Ordni Gerosolimitan, li marret fil Cnisja ta *San Ġŭann*, fejn bniet Oratorju għaliha, imsejjaħ ta *Ktieħ ir-ras* (decollazjoni), taħt il protezjoni ta *San Ġŭann Battista*, u bakgħet sa chemm dâm l'Ordni Gerosolmitan fostna, tgħin l'imsejcna cundannati għall meŭt. Imma, chif telak l'Ordni tal Cavalieri minn Malta, ir-Rużarjanti, b'Degriet tal Iskof tat-18 ta Frar 1807, ħadu mil ġdid l'Isem ta *Fratelli tal Misericordja* u miegħu il ħsieb li jekfu mal cundannati għall meŭt sad-dfin taħħom.

Din il Cumpanija chellha dejjem fi ħdanha bħala Fratelli il fjur tas-Sinjuri maltin, u illum tilka is-Sacerdoti, in-nobbli, it-titolati, il professjonisti, il gentlomi li igħixu b'gidhom; u min ma icollux xi ŭaħda minn daŭn il condizzjonijet ma jistax icun fratell tal *Misericordja*. Huma fratelli f'din il Cumpanija Monsinjur Vigarju Generali, l'Onurabbli Avucat tal Curuna, bosta Canonici tal Catidral u tal Culleggjata ta San Paŭl, Cappillani tar-rħula, sacerdoti, imħallfin, magistrati, nobbli, avucati, tobba u oħrajn ta condizzjoni għolja.

Din l'Arciconfraternita timxi taħt il protezioni tal Madonna u tal Patriarca San Dumincu bħala Cumpanija tar-Rużarju, u taħt dic ta San Ġŭann Battista bħala Cumpanija tal Misericordja.

Barra milli tcabbar il glorji tar-Rużarju Imkaddes billi tagħmel solennement il festa tal eŭŭel Ħadd ta Ottubru bl'Ottava, il ħmistax il Sibt u il festa tat-8 ta Mejju, għandha ucoll il missjoni nobbli li tgħin lil daŭc li jiġu mil Ħakk cundannati għall meŭt, u li taħseb fihom sa ŭara meŭthom.

Il flus li jinġabru mil Fratelli (mhux għall giustizzjat li jiġi ŭara, chif jaħsbu ħafna) jintefku f'li spejjes, fil Kuddies u fil Carità mal fokra.

Nhar il gimgħa li gejja, fil 5 u nofs ta fil għaxija, fl'Oratorju tar-*Rużarjanti*, isir l' *Uffizzju tal Mejjtin* għar-ruħ l'aħħar Gjustizzjat.

Il Cumpanija għandha l' *Ufficjali Confortaturi* (Sacerdoti) li imorru il ħabs iżuru il cundannat u igħinuħ filli icollu bżonn; diddarba ħasbet ucoll li tidfen il giustizzjat geŭŭa tebut, u għal din id-deciżjoni mgħoddija minn Consulta daks erba' snin ilu, il Gvernatur chien bagħat lill Cumpanija ittra ta tifħir.

Il Cundannat jigi professat fil Cappella tal Ħabs mil Patri Spiritŭali tal Cumpanija, jeŭ minn Sacerdot mibgħut minnu, fir-Rużarju Imkaddes u jidħol fis-sehem tal gid collu spiritŭali tal Ordni ta San Dumincu.

Il Fratelli jassistuħ fil ħin collu, kabel, ŭakt u ŭara l'esecuzjoni, iħolluħ u iniżżluħ bil ħniena collha minn fuk il patibolu, ikiegħduħ huma stess fit-tebut, jerfgħuħ huma stess sal kabar, huma stess iniżżluħ fil kabar u ma iŭarrbux sa chemm dan ma icunx mgħotti bil gebel. Il carretta u xi ħŭejjeġ oħra meħtieġa għal dan il ŭakt terribbli huma tal Cumpanija, chif ucoll taħħa huma iż-żeŭġ tabelli li il Patrijet Cabuccini iżommu kuddiem il għajnejn tal imsejchen Cundannat u li juru ŭaħda minnhom il Crocifiss bl'Addolorata u l'oħra il Patriarchi San Giusepp u San Dumincu.

L'imħabba t'Alla, l'imħabba tal proxxmu u is-sentiment tal Carità nisranija u taddmir igagħlu tant nies magħrufa fis-Società għal posiżżjoni taħħom li jindaħlu għal xogħol tant jebes, li f'li stess ħin icabbarhom kuddiem Alla u fir-rispett tal popolazjoni, għalchemm ma jonksux minn daŭc, insejjħulhom *modernisti*, li igħaddu il Fratelli tar-Rużarju bħala nies ta ħsieb kasir u b'għedeŭŭa tal progress u taċ-civiltà.

Il Cumpanija, lejliet u fil jum tal esecuzjoni, tieħu ħsieb tagħmel l'agunija fl'artal taħħa, u cull sena tagħmel l'uffizzju tal mejjtin u kuddies b'suffragju tal imgħallkin collha. L'agunija tispiċċa fil għodu cmieni b'kuddiesa tal *Bon-passaġġ*.

Mita jipprofessaŭ il Fratelli u is-Sorelli tal Cumpanija, jagħmlu protesta fuk l'artal, kuddiem is-Sacerdot, li ifittxu dejjem il glorja tal Verġni Marija u li igħinu il Cundannati għall meŭt fuk il patibolu. Rajna chif igħinu il Cundannat il Fratelli: is-Sorelli igħinuħ bl'elemożina u bit-talb taħħom.

Il professjoni issir mil Patri Spiritŭali tal Cumpanija, li icun dejjem il Pirjol tal Cunvent ta dac iż-żmien, jeŭ minn delegat tiegħu, bis-sensja tal General tal Ordni tal Predicaturi, u cull Fratell u cull Sorella jidħlu fissehem, fil ħajja u ŭara il meŭt, tal gid spiritŭali li bil missjoni, bil predicazjoni, bittagħlim u b'opri oħra jagħmel dana l'Ordni.

Rettur onorarju perpetŭu tal Arciconfraternita hua Monsinjur Fra Anġlu Portelli O.P., Iskof titulari ta Selinonte; u Rettur effettiv hua din is-sena Monsinjur Canonicu Prof. Dun Ŭiġ Farrugia D.D., li bil għerf, bil ħeġġa u bil prudenza tiegħu tant għaddiha il kuddiem, chif sgur jibka isir għalli gejj bi glorja cbira tal Verġni Marija Regina tar-Rużarju. E. ASCIAK-MIFSUD, P.L.

## Chitbulna:—

Is-16 ta Jannar, 1913.
Ħal Luka,
Strada San Tommaso, 1.

Sur Direttur,

Krajt fil ġurnal tiegħec tal 31 ta Dicembru, li il gabillotti ta Malta ilmentaŭ, imħabba fl'użu li sar minn ftit tas-snin il haŭn, li it-tara tal crietel tal patata u tal kfief tal basal, tinkata fuk l'użu u mhux b'chemm tiżen.

Dana jafuħ il bdieŭa, jafuħ il piżaturi u jafuħ ucoll li stess xerrejja, li ma fihomx pis daks chemm iriduna naktgħulhom; u saħansitra xi uħud minnhom stampaŭ *formoli*, u fihom chitbu *Tara di barili 24 Rotoli* u *Tara di cesti 8 Rotoli*. Jena jidhirli li sa haŭn il bdieŭa għandhom ragjun, imma il piżaturi l'inkas għandhom tort (igħidu huma), għaliex bħalma il Ligi ticcundanna miżien jeŭ stasija jecc ma icunx eżatti, imissha ticcundanna ucoll il min ma icunx eżatt fis-servizz tiegħu.

Aħna il piżaturi bil cunxienza għandna natu lil cull-ħadd dac li ħakku; allura, mita il gabillott icun sejjer jimla il crietel jeŭ kfief, imissu jibgħat għal piżatur sabiex jittara imkàr 10 fil 100; u imbgħad, jakta ittara fukhom u il *formoli* il compraturi inħalluhom għal mita niġu bżonnhom għax ma għandniex nisirku il bejjeħ u natuħ lix-xerrejj.

Inselli għalic u nitolboc li tieħu pacenzja iggib dina l'ittra fil *Habib*.

Jena l'umili
serv tiegħec,
ANDREA DE LEONARDO, P.P.

## Ma dûar il Gżira.

—Niżżu-ħajr lid-Ditta Colombos, li għogħobha tirregalalna *Almanacc* mill'isbaħ li rajna din is-sena.

—Dic il poeżija—*Malta ll' Ulied maħbuba taħħa*—li gibna fl'aħħar ħarġa tal *Habib* u li tant għoġbot lill karrejja tagħna (hemm fosthom actar minn ŭieħed li bi ħsiebu jitgħallimha a ment), chitbitha is-Sinjurina Antonia Żammit, Majjistra ta li *Scola Infantili* tal Furiana. Nistgħu ngħidu li fiha għarfet tiġbor, b'ħeġġa cbira, il mogħdijet collha ta Malta f'li *Storja*, mil Fenici sa daŭn iż-żmienijet tagħna. Nifirħulha bil kalb.

—Dac li chitbilna mil Mosta, fil 21 ta dan ix-xahar (biż-żejjed hecc biex niftehmu) ngħidulu ħaġa ŭaħda;—«Aħna għandna għaliħ kima cbira: imma jagħmel chif jogħġbu:

x'chellu jiġri bil vapuri; u illum ghandna il *Lusitanja*, il *Maŭritanja*, l'*Olimpic*, u kieghdin isiru vapuri ta tunnellaġġ icbar, bħall'*Aqŭitanja* tal Cumpanija *Cunard*, li jakleb il ħamsin elf tunnellata.

Ghaddiet tas-seŭŭa il-kuddiem il mâgna minn vapur ta 25 tunnellata li giè varat mit sena ilu fi Glasgow, fejn saret il festa taċ-centinarju tieghu ftit ilu.

DUN PIER BATTISTA AGIUS,
*Cappillan ta ħ'Attard.*

# Ittra miftuħa

LIL-SUR DOTTUR GIUSEPPI MIZZI
DIRETTUR TAL *Malta*.

Sur Direttur tal *Malta*,

Sejjer nictiblec mhux bħala Direttur tal *Habib*, imma bħala Giuseppi Muscat-Azzopardi: u dan ifisser li ta cull-ma sejjer nghidlec inŭiegeb jen bil persuna tieghi u narfghu fuk spallejja, minghajr ma ndaħħal xejn bejnietna u la il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb* u inkas il *Habib*.

Inti ma tafx fejn jckoghdu id-dmirijet ta *Ġurnalista*: u li cont f'belt oħra, fejn hemm ix-*Xirca tal Ġurnalisti*, b'Cumitat li ghandu is-setgha jiccundanna il *Ġurnalista* li jonkos minn dmiru lill *Ġurnalista* ieħor, cont tigi iccundannat bl' oħxon fuk l'imgieba ħażina tieghec mieghi. Ghax int, scond chif jaħsbuha in-nies tal-ħakk collha u scond chif huma mdorrijin il *Ġurnalisti* ta cullimchien, ma ghandecx il jedd *li ticża* bniedem fil ġurnal tieghec u imbaghd ma tħallihx *jiddifendi-ruħu* fiħ stess.

Ghedt, fil *Malta* ta nhar it-tlieta li ghaddeŭ, li ma gibtx it-tieni ittra tieghi ghal tliet ragjunijet: l'eŭŭel nett, ghax ma tridx tiftaħ qŭistjonijet (*polemichi*); imbaghd, ghax il qŭistjoni ta bejnietna ma tmissx il Poplu; u, fl'aħħar, ghax jen ghandi gażetta f'idejja u ma ghandix bżonn tal *Malta*, ladarba fil *Habib* «nista nghid dac li rrid u joghġobni.»

Daŭn it-tliet ħŭejjeġ m'humiex minnhom: u ma nsejjħilhomx bl'isem taħhom seŭŭa biex inżomm-ruħi fil ghôli mieghec. Ghal-l'eŭŭel ŭaħda, nghidlec li *il qŭistjoni flaħtha int*; imma, billi nkbatt malajr li (ghar-*rispetti umani* jeŭ biex iżżomm ma *partit*) tchellimt fuk articlu tal *Habib* minghajr ma cont krajtu, ridt tfittex tifsgaha, biex ma taghmelx figura ħażina mal karrejja tal *Malta*. Ghat-tieni ŭaħda, mbaghd, infaccrec li f'daŭn il Gżejjer nies haŭn, m'hux nghaġ u flieles, biex trid iddaħħlilhom f'rashom li *l'imgieba ħażina ta xi gażettieri fuk il Cungress Eŭcaristicu* m'hix qŭistjcni li tmiss il Poplu. Iva: int ghandec il *partit*: incxift b'chelma fil *Malta* ta nhar it-tnejn tal gimgha l'oħra: u ma chienx hemm bżonn tinchixef issa, ghax ilec iggib *certi articoli* fuk il *Cungress Eŭcaristicu* li ma jixirku xejn lil gażetta maghduda b'*Cattolica* u *Patriottica*! Imma l'*isbaħ* ragjuni hi dic li gibt l'aħħar ŭaħda, biex tiscuża-ruħec talli *irruftajtli ir-risposta tal insolenza tieghec*! Ghandi il *Habib*—ghedtli ta Avucat cbir—u m'hemmx bżonn inŭieġbec fil *Malta*! Imma, jecc joghġboc, inti fil MALTA *ghedt li ridt fuki*; u jen ghandi il jedd li niddefendi-ruħi ma daŭc li jakraŭ il *Malta*, mhux ma daŭc li jakraŭ il *Habib*! Il biċċa hi li inti taf li ghandec tort biex tbieħ: u, beżghan li tibka taħtha, ABBUŻAJT BIL POSIŻŻJONI TIEGHEC, ghax taf li ma haŭnx gażetta oħra bit-Taljan imxerrda bħall *Malta*!

Imma hemm tajjeb li il Cleru, Seculari u Regulari, mil *ghôla Capijet* saż-żghar nett, jakra il *Habib* daks il *Malta*: u ma ibatix biex jifhem dac l'*abbuż tieghec* li tghid li trid fuk bniedem u imbaghd ma tatihx il ŭisgha li jiddifendi-ruħu! Chif ma jifhemx il Cleru?.... Mhux fil *Malta* chien intkal, fuk il Processjoni tal Cungress Eŭcaristicu, li jecc il Capijet tal Cnisja ma iridux jisimghu, jaħtieġ jindaħal is-Suprintendent tal Pulizija?....

G. MUSCAT-AZZOPARDI.

# Il lejl tal Milied.

(*ĊAJTA*)

Chien ghâdu l-inkas dalam,
Ta *Żieżi* 'l leħen smajt,
Fejn kaltli: fittex, isa,
Ghaliex fil ġnien jen rajt
Ix-xtiel kieghed inakkar
Il ħasi l'inti gibt.

It-taraġ sebgha sebgha
Inżiltu bla tajt żmien,
U niġri, nakbeż, niġbed,
Mil camra ghal ġo 'l ġnien,
Li msejchen biss chien kieghed
It-trab inakkar sibt.

Hu jiġri, jena niġri,
Jittajjar fuk il ħajt,
Sa fl-aħħar nokbad gebla
U lilha ghaliħ tfajt:
Ilkattu ġo nofs dahru
U lilu fis meddejt.

Chif cont ghaliħ jen sejjer,
Ma zocc imnieħri braxt,
Ma nafx x'ħassejt ġo demmi,
Minn ġŭejjed dicment ħraxt,
Iferfer, nofsu mejjet,
Lil marti mort urejt.

Haŭn *Żieżi* bdiet tghajjarni
Li kalbi m'hix bħal taghha,
Il jum ucoll bdiet tisħet
U s-siegha li iltkajt maghha,
U demmi bida ibakbak
U b'hecc ħassejtni ntlift.

In-nifs bdejt nieħdu 'l geŭŭa,
Ghajnejja ucoll berrakt,
Habbatt mal art il ħasi
U trietak naghmlu xtakt:
Mill'art irġajt irfajtu,
Malajr lilu nittift.

Fis xħettu fuk il mejda,
Fittixt ta barra 'l bieb,
Tmien liri fil but chelli,
Infittex mort il ħbieb,
Mid-dar chemm niflaħ nghaġġel,
Dritt dritt ghal ġo 'l Cażin.

Inxtħett malajr fuk siġġu,
Nofs lira xħett fuk l-ass:
F'chemm ili nghid jen tliftha
U nħares bkajt hemm ċass.
Il ħila lili 'n-nifsi
Bdejt naghmel f'dac li ħin.

Bdejt lira sħiħa nkieghed
Fuk *donna* jeŭ *cavall*,
Sa fl-aħħar gejt f'sessija
U rajt tieghi li żball,
Ghax flusi mil but ħarbu,
Ma sibt l-inkas *Carlin*.

Bħal erbgha fost il gimgha
Inħares scantat bkajt,
Bħal dac il chelb beżżieghi
Minn hemm malajr żghiċċajt:
L-arloġġ idokk chien kieghed
Tat-tlieta seŭ il ħin.

Minn hemm difrejja nghiddem,
Imħasseb f'dac li tlift,
B'id-dmugh u b'fehma sħiħa
Li katt ma nilghab ħlift.
Fid-dar b'ghajnejja mdemmghâ
Dħalt, iva, mbicchi jen.

Ghedt f'kalbi: ghal darb'oħra;
Is-sur Xitan hecc ried;
Sen'oħra nkerr, nitkarben
Fil lejl minn tal *Milied*.
Mil lum inbiddel ħajti,
Fit-tieba nghaddi ż-żmien.

G. MIFSUD BONNICI.

# Fit-Teatrin tal Unjoni Cattolica.

## "Tommaso Moro."

Din it-tragedja verament sabiħa ta Silvju Pellicu makluba bil malti minn Sacerdot gharef ghall Cumpanija *La Concordia* giet irrapresentata nhar il Hadd, id-19 ta Jannar. Billi in-nies ma chienux jafu din il produzjoni xi trodd, ma icconcorreŭx bħas-soltu, ghalchemm chienet ta min jaraha tas-seŭ din it-Tragedja, li turi il bidu tal icbar bidla tal Inghilterra.

Ghalchemm bi ftit cuncerti oħra l'Atturi chienu imorru aħjar, nistghu, però, nghidu illi cull-ħadd ħareġ sodisfatt, specjalment mis-Sur Argento, *Tommaso Moro*, li ŭira illi fehem tajjeb il parti tieghu u kalaħħa ŭisk. Kalaħħa tajjeb ucoll il parti tieghu is-Sur O. Cumbo, *Margherita*, bint Moro, u darbtejn hu u is-Sur Argento geŭ applaŭditi. Xejn inkas tajjeb is-Sur G. Mercieca, *Arrigo VIII*; u is-Sur R. Vidal, *Anna Bolena*; chif ucoll is-Sur G. Dimech, *Alfredo*. Tajjeb ferm, imbaghad, is-Sur L. Scicluna, ghaliex fil parti ta *Cromwell* chellu camp cbir fejn juri tirannija u cburija ta kalb.

Natu *prosit* lil cull-ħadd u nuru xeŭka: nixtieku naraŭ darb'oħra din it-Tragedja bil coloriti collha taħha, ghaliex tas-seŭ sabiħa.

VERAX.

# Circulari.

Il Cumitat tas-*Società ta San Vincenz di Paolo*, conferenza ta Bormla, per mezz ta dina iċ-circulari javża il pubblicu in general, li sejjer jaghmel *fiera*, *bazaar* u *bosta loghob ieħor*, a beneficcju tal fkar ta Bormla, f'loc li ghad irid jigi iddestinat, fil ġranet 21 u 22 ta Marzu 1913.

ERCOLE VALENZIA,
*Segretarju*.

MIL LUCERNA TAL HAJJA. — 43. Ilka b'dirghajc miftuħa dac li tarmi id-dinja, ghax dan hu ghażiż kuddiem Alla.

†

Nitolbu ghar-ruħ ghażiża ta EMILJA armla MIRABITUR, oħt is-Sur ŬIĠ TOGLIA, Spettur tal Pulizija, li ħalliet din l'art ħin-bla-ŭakt, fit-12 ta jannar 1913, ta 56 sena, geŭŭa l'Isla.

Alla jatiha il mistrieħ ta dejjem.

IVO—Anġlu ta ghoxrin ġurnata—l'eŭŭel rahan tar-rabta tas-Sinjura Ernestina (chienet Bartolo) mas-Sur Manŭel Galea—târ ghall Genna fit-22 ta dan ix-xahar. Giè daħac biddinja u mar u ħalliha.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

### MONOVERB

(*Taħbit il moħħ ta chelma ŭaħda*)

______
– k ___r___
______
______

GINU.

L'aħħar *Xarada* chienet:

*Tis-far = tisfar.*

Ma giebha ħadd, ħlief is-Sur Dŭardu Grima ta Ghaŭdex (*San Laŭrenz*).